MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2005

Numru 5741/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**v.**

**Andrew Kelly u**
**Reginald Cini**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment wara rikors maghmul mill-Avukat Generali skond l-Artikolu 574A(9) tal-Kodici Kriminali u migjub quddiem din il-Qorti fis-6 ta' Mejju 2005. Permezz ta' dan ir-rikors l-imsemmi Avukat Generali qed jitlob l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri tal-imputati Kelly u Cini skond l-imsemmija disposizzjoni, salvi u impregudikati d-drittijiet li jista' jkollhom l-imsemmija Kelly u Cini ghall-helsien mill-arrest skond is-subartikolu (7) ta' l-imsemmi Artikolu 574A.

Jirrizulta kemm mill-atti kif ukoll mis-sottomissjonijiet tal-abbili difensuri tal-partijiet – l-Avukat Dott. Joseph Giglio[1] ghall-imputati u l-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Stephen Tonna Lowell ghall-Avukat Generali – maghmula fl-udjenza ta' nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju 2005, illi s-sekwenza tal-fatti li wasslu ghad digriet tal-Qorti tal-Magistrati tal-4 ta' Mejju 2005 (li qed jigi impunjat mill-Avukat Generali) kienet is-segwenti. Kelly u Cini kienu gew interrogati mill-Ispettur tal-Pulizija Mario Tonna nhar l-1 ta' Mejju 2005 in konnessjoni ma' xi incidenti ta' storbju u glied li kienu sehhew aktar kmieni dak in-nhar stess fi stabbiliment gewwa Paceville. Wara din l-interrogazzjoni huma gew rilaxxjati. Fit-3 ta' Mejju 2005 huma regghu gew arrestati u ttiehdet it-tieni stqarrija minghand kull wiehed minnhom (ara Dokti CSH8 a fol. 8 u CSH10 a fol. 22). Qabel ma regghu gew rilaxxjati inghataw kull wiehed *voluntary attendance form* fejn huma gew mehtiega[2] jirrappurtaw l-ghada, 4 ta' Mejju, fil-Ghassa ta' San Giljan fit-8.30 a.m. Kelly u Cini hekk ghamlu, u peress li sal-hin meta huma rrapurtaw l-Ghassa l-ghada filghodu l-imsemmi Spettur kien ikkonkluda l-investigazzjonijiet tieghu, huwa arrestahom u ressaqhom il-Qorti dak inhar stess (allura taht arrest) akkuzati b'diversi reati (wiehed minnhom reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija).

Meta tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati, u fil-kors li kienet qed tigi segwita l-procedura traccjata fl-Artikolu 574A tal-Kodici Kriminali, l-avukati difensuri ta' l-imputati ssottomettew quddiem dik il-Qorti li l-arrest tal-imputati ma kienx wiehed validu. Dik il-Qorti, fid-digriet taghha aktar 'l fuq imsemmi tal-4 ta' Mejju 2004, irriteniet li galadarba persuna tkun marret fil-Ghassa tal-Pulizija ghax tkun giet hekk ordnata mill-Pulizija hija ma tistax tigi arrestata u in segwitu mressqa quddiem il-Qort taht arrest. Skond dik il-Qorti il-kuncett ta' attendenza volontarja fil-Ghassa tal-

---

[1] Li kien assistit mill-Avukat Dott. Roberto Montalto.

[2] Is-subartikolu (3) tal-Artikolu 355AD tal-Kodici Kriminali juza l-verb "tehtieg" ("require" fit-test ingliz), izda l-formoli tal-Pulizija ezibiti a fol. 26 u 27 juzaw il-verb "nitolbok" u "mitlub". Filwaqt li l-kortesija u l-gentilezza hija dejjem ta' min ifahharha, din il-Qorti hi tal-fehma li jkun aktar korrett jekk, f'formoli ufficjali, jintuza l-kliem ezatt tal-ligi, u dan sabiex jigi evitat kull malintiz, tenut kont tal-fatt li hemm differenza konsiderevoli bejn li wiehed jigi "mitlub" jaghmel xi haga u li jkun "mehtieg" jaghmilha.

Pulizija u l-prezentata taht arrest huma kuncetti "kuntrarji ghal xulxin u ma jsegwux".

Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, dan ma hux korrett ghax il-ligi stess tipprovdi xort'ohra. Jibda biex jinghad li din il-Qorti, fid-digriet taghha tal-24 ta' Novembru 2004 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Odette Micallef et al.*** kienet ghamlitha cara li:

**"Spettur tal-Pulizija, bis-sahha ta' l-Artikolu 355AD(2) tal-Kodici Kriminali, ghandu s-setgha li, meta jibghat ghal xi hadd (li ma jkunx bil-*police bail*) [3] u dak ix-xihadd jigi volontarjament fil-Ghassa tal-Pulizija (anke jekk ikun jaf li sejjer jitressaq il-Qorti), jarrestah <u>proprju biex iressqu l-Qorti taht arrest</u>, irrispettivament minn kemm ikunu ilhom ghaddejjin l-investigazzjonijiet -- basta, naturalment, li l-Ispettur ikollu suspett ragjonevoli li l-persuna hekk arrestata tkun ikommettiet reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija."**

Fil-kaz odjern, a differenza tal-kaz appena citat, Kelly u Cini kienu nghataw avviz bil-miktub – l-hekk imsejjha *voluntary attendance form* – biex huma jmorru l-Ghassa tal-Pulizija fit-8.30 ta' filghodu, kif inghad. Issa, din il-formula jinghad li tirreferi ghal "voluntary attendance", meta effettivament il-persuna in kwistjoni tkun "mehtiega" tattendi l-Ghassa (jew post iehor lilha indikat), proprju ghax il-ligi, <u>b'disposizzjoni espressa</u>, tekwipara dik l-attendenza hekk "mehtiega" <u>ma' attendenza volontarja</u> bhalma hi dik taht is-subartikolu (2) tal-Artikolu 355AD. Infatti fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 355AD jinghad li persuna li tkun marret l-Ghassa jew post iehor lilha indikat ghax tkun mehtiega "bil-fomm jew b'avviz bil-miktub" *"…ghandha titqies bhala li tkun attendiet dik l-Ghassa tal-Pulizija jew post iehor volontarjament."* Jekk dak il-"post iehor" ikun ufficju tal-Pulizija bhalma hu msemmi fis-subartikolu (2), ikun hemm is-setgha tal-Ispettur tal-Pulizija li jarresta skond l-imsemmi subartikolu (2) bhal fil-kaz ta' persuna li minn jedda (*"voluntarily"* fit-test ingliz)

[3] Fil-kaz ta' "police bail" japplika d-dispost tas-subartikolu (7) tal-Artikolu 355AL tal-Kap. 9.

tkun marret fil-Ghassa tal-Pulizija (dejjem, naturalment, purche` li jkun hemm is-suspett ragjonevoli tal-kommissjoni ta' reat li ghalih hemm prugunerija, u salv li jigu osservati l-htigiet l-ohra [4] tal-imsemmi subartikolu (2)). L-abbili difensuri tal-imputati, fil-kors tat-tratazzjoni fl-udjenza ta' nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju 2005 emfasizzaw id-differenza bejn is-subartikoli (2) u (3) tal-imsemmi Artikolu 355AD. Issa, f'certu sens differenza hemm – fil-kaz tas-subartikolu (2) persuna tista' titfacca fil-Ghassa tal-Pulizija jew ufficcju tal-Pulizija kompletament minn rajha jew, per ezempju, ghax xi hadd ikun "stedinha" jew "talabha" tmur hemm. Fil-kaz tas-subartikolu (3) hemm, kif diga` gie accennat, il-"htiega" imposta mill-Pulizija ghall-attendenza, htiega li tista' tigi mfissra jew bil-fomm jew bil-miktub, u n-nuqqas ta' osservanza ta' dik il-htiega iggib il-konsegwenzi indikati fis-subartikolu (5). Fil-fehma ta' din il-Qorti is-subartikolu (3) huwa aktar, ghalkemm mhux esklussivament, intiz ghal dawk il-persuni li jkollhom taghrif siewi x'jistghu jaghtu lill-Pulizija milli ghall-persuna jew persuni suspettati – f'dan il-kuntest ara l-proviso tas-subartikolu (4) – pero` huwa koncepibbli wkoll li s-subartikolu (3) jigi wzat ghalbiex il-Pulzija tkompli tinvestiga u tinterroga lill-persuna suspettata. Il-fatt li persuna li tmur "volontarjament" fil-Ghassa tal-Pulizija jew post iehor lilha indikat skond is-subartikolu (3) *"…tista' tinzamm imwarrba minn kull persuna ohra, izda ma ghandhiex tinzamm f'xi post li normalment jintuza ghad-detenzjoni ta' persuni arrestati"* (ara s-subartikolu (7)) ma jfissirx li dik il-persuna ma tistax tigi arrestata skond id-subartikolu (2); ifisser biss li <u>sakemm tigi hekk arrestata</u> tista' tinzamm appartata izda mhux f'post fejn jinzammu persuni arrestati. Is-subartikolu (7) ma hu ta' ebda ostakolu ghall-arrest ta' persuna skond is-subartikolu (2) li tkun marret l-Ghassa tal-Pulizija jew fl-ufficju tal-Pulizija "volontarjament", anke jekk tali attendenza tkun sehhet wara "htiega" bil-fomm jew bil-miktub kif imfisser fis-subartikolu (3). Bizzejjed jinghad li mhix l-ewwel darba li persuna li tkun qed tigi kunsidrata mill-Pulizija

[4] Fil-kaz ta' persuna li tigi arrestata biex titressaq il-Qorti, jekk il-Pulizija jiehdu lill-arrestat dritt mill-Ghassa ghall-Qorti, l-"avviz immedjat" lill-Magistrat, kif mehtieg skond is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 355AD ghandu jitqies li jkun qed jinghata mal-prezentata stess.

semplicement bhala persuna li ghandha taghrif siewi ghall-finijiet ta' investigazzjoni, f'daqqa wahda ssir il-persuna suspettata u li ghalhekk tkun tista' tigi arrestata.

Fid-dawl ta' dan li nghad, hu car li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta kkunsidrat li l-arrest ta' Kelly u Cini (fil-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan filghodu tal-4 ta' Mejju 2005 ghall-finijiet tal-prezentata fil-Qorti taht arrest ftit tal-hin wara) ma kienx imsejjes fuq xi disposizzjoni tal-Kodici Kriminali ghall-finijiet tas-subartikolu (6) tal-Artikolu 574A tal-imsemmi Kodici.

Konsegwentement hemm lok li t-talba ta' l-Avukat Generali tintlaqa'.

Ghall-motivi premessi, thassar u tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Mejju 2005 fl-ismijiet premessi, tordna l-arrest mill-gdid tal-imputati Kelly u Cini, u tordna li l-atti jigu minnufih rimessi quddiem dik il-Qorti sabiex dik l-istess Qorti tara jekk hemmx lok ta' helsien taht garanzija u kondizzjonijiet ohra kif jipprovdi s-subartikolu (7) tal-imsemmi Artikolu 574A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------